# M. ERNEST VALDEMAR

## ta' Edgar Allan Poe

## Bil-Malti ta' Arthur V. Vassallo

M'għandniex xi ngħidu, miniex se'r neħodha bi kbira li l-biċċa tas-Sur Valdemar qajmet ħafna taħdit. Kienet tkun iktar ħaġa tal-għaġeb kieku ħadd ma tkellem fuqha, meta naraw ta' liema għamla kienet u x'ħareġ minnha.

Ix-xewqa tagħna lkoll kienet li naħdmu bil-moħbi bla ma nħallu ebda barrani jinfebaħ x'qegħdin nagħmlu, għall-inqas għal dak il-ħin, jew sakemm stajna nieħdu iktar dawl fuq il-biċċa. Izda bl-istess ħeġġa li kellna fix-xogħol, ħarbitilna xi kelma, waslet f'widnejn li ma kellhomx sehem magħna, kullħadd beda jgiddibha.

Ma tul it-tliet snin ta' qabel, kont tajtha kemm-il-darba għall-istudju tal-meżmerizmu, u xi disa' xhur ilu għaddieli f'daqqa waħda minn rasi li fix-xogħlijiet li saru sa issa f'din il-fergħa tax-xjenza, kien għad jonqos wieħed kbir u tal-għaġeb li ma nafx għax kienu għadhom qatt ma ħasbu fih; u dan hu li jaraw jekk bniedem *in articulo mortis* iżommx taħt is-setgħa tal-meżmeriżmu. Kien hemm x'titgħallem sewwa minn din il-biċċa: l-ewwelnett tara jekk bniedem f'din is-sura jweġibx għas-sejħa manjetka; it-tieni, jekk iwieġeb, is-sejħa tiżdiedx jew tonqosx imħabba s-sura li jkun fiha; it-tielet, sa kemm, b'dan il-mod, tista' żżommlu l-aħħar siegħa ta' ħajtu l-bogħod minnu. Kien hemm bosta ħwejjeġ oħra li wieħed jista' jitgħallem, iżda l-iktar li tawni x'naħseb kienu dawn it-tlieta li semmejt; u fuq kollox din ta' l-aħħar.

Mela kif bdejt infittex ħalli nara nsibx xiħadd li jista' joqgħodli biex nistħarreġ daqsxejn fuq dan l-istudju, ġieni quddiem għajnejja l-ħabib tiegħi M. Valdemar, il-magħruf kittieb li, barra milli qaleb għal Polakk (taħt l-isem ta' Issachar Marx) il-*Wallenstien* u l-*Gargantua*, kien ġabar u ħareġ ukoll il-*Bibliotheca Forensica*.

M. Ernest Valdemar kien joqgħod il-biċċa kbira fid-dar li kellu f'Haarlem, N.Y. li kienet ilha għandu mill-1839. Kien jagħti wisq fil-għajn mhux biss għax kien bniedem niexef ħafna (b'saqajn qishom ta' John Randolph), iżda wkoll għall-leħja qotnija li kellu meta xagħru kien iswed tuta. In-nies ġieli ħasbitu jilbes parrokka. Billi l-imġieba tiegħu kienet ta'

wieħed daqsxejn nervus, il-ħabib tiegħi kien igħodd sewwa għax-xogħol tal-meżmerizmu. Kemm-il-darba raqqadtu bla taħbit ta' xejn, iżda meta drabi oħra ma kienx jirnexxili, ma kontx neħodha bi kbira, għax aktarx imħabba li hu kien niexef u magħlub u ta' saħħa dgħajfa, milli minn nuqqas ta' sengħa minn naħa tiegħi. Ir-rieda tiegħu qatt ma stajt naħkimha għal kollox; u kull meta stħarriġna xi ħaġa flimkien fuq il-*clairvoyance*, qatt ma stajt nafda fuq dak li nkunu għamilna. Saħtu kienet tfixkilni wisq. Xi xhur qabel ma sirt nafu, it-tobba tiegħu qaluli li kien marid b'sidru,—u marid sewwa wkoll. U toħroġ-il-għaġeb, meta kien jitħaddet fuq il-marda tiegħu li kienet qiegħda teqirdu minn ġewwa u tressqu ftit ftit lejn l-aħħar siegħa tiegħu, kien qisu mhux hu. Kien igħodd il-mewt bħala ħaġa li la hemm għalfejn twarrabha l-anqas tagħli mħabba fiha.

Għalhekk malli għaddewli minn rasi dawk il-ħsebijiet li ġa semmejt fil-bidu, mill-ewwel ġieni f'rasi M. Valdemar. Jien kont naf tajjeb kif kien jaħsibha r-raġel; ma kienx sa jeħodha bi kbira meta ngħidlu x'kelli f'moħħi. U terġa' mbagħad, l-anqas kellu minn jiġi minnu l-Amerka, li jista' jindaħal. Jien kellimtu tajjeb u għidtlu bil-biċċa kollha kif inhi u kif mhix; u ħaġa tal-għaġeb, sibt li kull ma għidtlu għoġbu mhux ftit. Għidt ħaġa tal-għaġeb mhux għax hemm wisq biex tistagħġeb, imma għax għalkemm kien dejjem joqgħodli ħa' nraqqdu u għal xogħolijiet ta' din il-għamla, qatt ma naf li ħajjarni darba f'kull ma kont nagħmel. Il-marda tiegħu kienet waħda minn dawk li ttik il-ħin sew ta' l-aħħar nifs tal-ħajja; u fl-aħħar ftehimna li għandu jibgħat għalija xi erbgħa-u-għoxrin siegħa qabel il-mewt, li l-ħin tagħha kellhom ituhulu t-tobba.

Ilu issa ftit aktar minn seba' xhur li ħadt dawn l-erba' kelmiet miktubin minnu n-nifsu:

Għażiż P—

Tista' tiġi *issa*. D— u F—jaħsbu li ma nwassalx iktar minn għada f'nofs-il-lejl; u naħseb li did-darba laqtuh sew il-ħin.

Valdemar.

Dawn il-kelmiet wasluli xi nofs-siegħa wara li kitibhom u kwarta wara kont fil-kamra tal-marid. Kont ili ma narah xi għaxart ijiem biss; iżda malli rajtu stagħġibt. It-tibdila li sibt fih kienet tibdila tal-biża', u ngħid is-sew, ħaditni għal għarrieda. Wiċċu kien lewn iċ-ċomb; għajnejh bla lewn u mtappnin; u mbagħad inxtorob daqshekk mill-marda li l-għadam ta' wiċċu kienu għoddhom qasmu minn ġo l-ġilda. Ibeżżaq

il-ħin kollu. Il-polz bil-kemm jinħass. U madankollu baqa' ma ntilef xejn, waqt li dirgħajh u riġlejh kien għadu jista' jċaqlaqhom. Kliemu baqa' ma ntilef xejn, u l-mediċini kien għadu jeħodhom bla għajnuna ta' ħadd. Meta dħalt fil-kamra tiegħu sibtu qiegħed iniżżel xi ħaġa fuq ktieb żgħir li kellu f'idu. Kien bejn mimdud u bil-qiegħda, imwieżen b'imħaded minn kull naħa; u t-tobba D—u F—kienu miegħu.

Wara li ħadt b'id Valdemar, sejjaħt it-tobba f'ġenb wieħed u tlabthom jagħtuni kull ma kienu jafu fuq il-marda. Il-pulmun tax-xellug kien ibbieslu xi tmintax-il-xahar ilu, u għalhekk, minn dak in-nhar il-quddiem ma swielux iktar għall-ħajja; waqt li tal-lemin ftit kien aħjar minn sieħbu. In-nofs ta' fuq dan kien ġa ibbies biċċa sewwa, waqt li n-nofs ta' isfel ma kienx ħaġ'oħra ħlief ġemgħa ta' nfafet kollha marċa, magħqudin waħda ma' l-oħra. Barra minn dan kien hemm ukoll xi toqob kbar mal-pulmun kollu, waqt li naħa waħda kienet weħlet għal kollox mal-kustilji. Dawn il-ħsarat fil-pulmun tal-lemin ma kienx ilhom hemm żmien twil. Mid-dehra, l-ebusija tal-biċċa ta' fuq ħadet f'daqqa waħda, għax sa xahar qabel ma kien hemm xejn; u l-waħda mal-kustilji kienu ndunaw biha ma' tul l-aħħar tlitt ijiem li kienu miegħu. Barra minn dan kollu, terġa' t-tobba kienu jaħsbu li kellu wkoll xi taħsir ta' l-imsaren, iżda mħabba l-marda qawwija tal-pulmuni, ma setgħux jistudjaw iktar bir-reqqa fuq din tat-tieni. Huma kienu jaħsbu li M. Valdemar ma jwassalx iktar minn nofs-il lejl ta' l-għada (l-Ħadd). Dak il-ħin li konna q'ed nitħaddtu kienu xi s-sebgħa tas-Sibt fil-għaxija.

It-tobba D—u F—taw l-aħħar ħarsa lejn il-marid, tawni l-lejl it-tajjeb u qaluli li ma kienx hemm għalfejn jergħu jiġu; iżda jien tlabthom jaqbżu qabża darb'oħra, u ftehmu bejniethom li jerġgħu jagħtu daqqa ta' għajn f'xi l-għaxra ta' fil-għaxija.

Meta marru, qgħadt nitħaddet ma' M. Valdemar fuq il-mewt li kienet riesqa. Stajt nitħaddet kemm irrid fuqha miegħu; ma kontx se' nbeżżgħu b'daqshekk; u fuq kollox erġajt semmejtlu kull ma kelli f'rasi li nagħmel bih fl-aħħar siegħa ta' ħajtu. Hu reġa' tennieli li mhux biss kien irid, imma ma kellux sabar li jasal il-waqt ħa' jara kif sejra tispiċċa l-biċċa. U fuq kollox xtaq li nibda x-xogħol bla telf ta' żmien. Kellna magħna żewġ qaddejja tal-morda, raġel u mara; iżda għal biċċa xogħol bħal dik li kont se'r nidħol għaliha, dawn ma kenux xhieda biżżejjed għalija. Fejn naf x'jista' jinqala? Għalhekk ħallejt kollox għal xi t-tmienja ta' l-għada fil-għaxija; u ma ngħidilkomx kemm ħassejtini ħadt ir-

ruħ meta l-għada sibt ma' ġenbi 's-Sur Theodore L—1, ħabib tiegħi li kien qiegħed jitgħallem għal tabib.

Għall-ewwel kont bi ħsiebni nistenna t-tobba qabel ma nibda naħdem; iżda bla ma ridt kelli nibda qabel, l-ewwel-nett daqs kemm talabni M. Valdemar u mbagħad għax ma kienx għad fadal żmien x'wieħed jitlef billi kien wasal fl-aħħar.

Is-Sur L—1 kien qalbieni li wieġeb għax-xewqa tiegħi li jniżżel fuq ktieb jew biċċa karta kull ma nagħmel u kull ma jiġri; u dak li sejjer ngħid issa huwa meħud il-biċċa kbira minn dak li kiteb hu. Xi minn daqqiet niżżilt kliemu fil-qosor, xi minn daqqiet żammejt kollox kelma b'kelma.

Imbagħad ħadt id M. Valdemar f'idi u tlabtu jgħid lis-Sur L—1 ċar kemm jista' jkun, li hu (M. Valdemar) kien irid li jiena nraqqdu f'dik is-sura li kien fiha.

Kliemu kien għajjien, iżda jiftiehem tajjeb: "Iva, jien irridu jraqqadni; imma," żied igħid, "naħseb li ddawwartu żżejjed."

Waqt li kien qiegħed jitkellem, jien kont ġa bdejt. Bil-kemm kont għadni għaddejt idi minn-naħa għall-oħra quddiem wiċċu, li l-marid ma bediex jieħu. Iżda għalkemm wara domt nitħabat miegħu u nagħmel ħilti kollha ma stajt nilmaħ xejn fih iktar minn dak il-ftit li deher fil-bidu. Saru l-għaxra, u ftit minuti wara ġew it-tobba D—u F—kif konna ftehemna. Jien għidtilhom fuq fuq x'kont qiegħed nagħmel, u billi huma ma sabu xejn ħażin fiha, għax qalu li l-marid kien fl-aħħar, erġajt dort fuqu bla telf ta' żmien. Għall-ewwel bdejt billi ngħaddi idi qajla qajla minn naħa għall-oħra quddiem wiċċu. Wara ftit bdilt, u bdejt ngħaddiha bil-mod... bil-mod... minn fuq għal isfel; waqt li l-ħin kollu żammejt il-ħarsa tiegħi maqfulha f'għajnu l-leminija.

Haw' issa l-polz ma baqax jinħass iżjed, u kull nofs minuta beda jieħu nifs qawwi donnu nħir. Dam hekk xi kwarta u ftit wara ħarġet minn ġewwa sidru bħal tnehida tqila li donnha serrħitu, għax minnufih l-inħir siket; imma n-nifs baqa' ta' kull nofs minuta. Idejh u riġlejh saru kesħin silġ.

Għal xi l-ħdax nieqes ħamsa, ix-xogħol tiegħi beda jidher sewwa. Il-qlib tal-għajnejn, li tidher biss f'min ikun mitluf fin-ngħas tal-meżmeriżmu, uriena biċ-ċar. Għaddejt idi malajr minn naħa għall-oħra quddiem wiċċu xi darbtejn jew tlieta, u l-bibien ta' għajnejh bdew jitqalu bħal ta' wieħed bejn rieqed u mqajjem; għaddejthom darbtejn oħra u għajnejh ingħalqu għal kollox. Irnexxieli sa hawn, iżda b'daqshekk ma qtajtx xewqti sa l-aħħar. Meddejtu li jista' jistrieħ sewwa; riġlejh mifruxa minn tulhom fuq is-sodda; dirgħajh ukoll, iżda

ħarira l-bogħod minn ġenbejh; u rasu kemmxejn merfugħa fuq l-imħaded. Imbagħad dħalt daħla fija n-nifsi, qawwejt iktar ir-rieda, ħaddimt għajnejja, idejja, għamilt ħilti sakemm il-ġisem li kelli quddiemi webbistu minn rasu sa riġlejh.

Meta wasalt sa hawn, nofs-il-lejl kien ġa daqq, u tlabt it-tobba jarawh daqsxejn. Wara li studjawh bejniethom, qatgħuha li M. Valdemar kien qiegħed f'telfa qawwija li qatt ma raw bħalha.

M'għandniex xi ngħidu, il-biċċa qanqlitilhom ħsiebhom mhux ftit. It-tabib D minnufih waħħalha f'rasu li jgħaddi l-lejl miegħu, waqt li t-tabib F– telaq bil-ftehim li jerġa' jiġi l-għada fil-għodu kmieni. Baqgħu wkoll is-Sur L—l u l-qaddejja.

Is-Sur Valdemar ħallejnieh kif kien sat-tlieta ta' fil-għodu; u meta rsaqt lejh dak il-ħin, sibt li ma tbiddel xejn minn xħin telaq it-tabib F –. Baqa' kif ħallejnieh: il-polz ma jinħassx; in-nifs ħafif ħafif (li biex tinduna bih trid tqegħidlu mera quddiem xuftejh); għajnejh magħluqa, u ġisem iebes u kiesaħ daqs l-irħam. Iżda madankollu ma kienx mejjet.

Meta rsaqt lejn M. Valdemar, xtaqt nara jekk nistax inġiegħel driegħu l-leminija twieġeb, mingħajr ma mmissa xejn, għat-triġija tiegħi billi ngħaddi idi bil-môd il-môd minn fuqu 'l hawn u 'l hinn. Drabi oħra, u fuq l-istess bniedem, biċċa bħal din qatt ma naf li rnexxietli kif ridtha; imma diddarba bqajt mistagħġeb, għax sibt li driegħu, għalkemm għajjiena, bdiet twieġeb, bla taħbit xejn għal kull taħrika li nġegħlu tagħmel b'idi. Haw' tħajjart inkellmu.

"M. Valdemar," għidtlu, "rieqed ?"

Ma tkellem xejn, imma xuftejh donnhom tbexxqu kemm kemm li ħajruni nerġa' ntenni l-mistoqsija. Mat-tieni bqajt ma għamilt xejt xejn; iżda malli tennejtha għat-tielet darba għaddiet trehida ħafifa ħafifa tiġri ma' ġismu kollu. Għajnejh tbexxqu daqsxejn kemm jidher l-abjad ta' ġewwa, xuftejh tħarrku u minn bejniethom ħarġu, għajjiena, bilkemm jinstemgħu, dawn il-kelmiet:

"Iva, rieqed issa. Tqajjimnix, nitolbok, ħallini mmut kif jien."

Hawnhekk missejtu u ġismu kien iebes għuda. Driegħu l-leminija baqgħet bħal qabel twieġeb għat-triġija ta' idi. Erġajt staqsejtu: "Għadek tħossu l-uġiegħ ta' sidrek, M.Valdemar?"

Did-darba t-tweġiba, għalkemm iktar batuta, ma dametx ma waslet:

"Le, xejn uġiegħ,—q'ed immut."

Għal issa biżżejjed. Ma kienx hemm għalfejn inkellmu iktar għal dak il-ħin; u sa ma ġie t-tabib F—la tħadditna u anqas għamilna xejn. Meta wasal dan baqa' mistagħġeb mhux ftit meta sab li l-marid kien għadu ħaj. Wara li messlu l-polz u qegħidlu mera quddiem xuftej, F—talabni nerġa' nkellmu u jien erġajt kellimtu: "M. Valdemar, għadek rieqed?"

U bħal qabel, għaddew xi minuti qabel ma tkellem. Bejn mistoqsija u tweġiba r-rieqed donnu beda jitqanżah biex jiġbor ilsienu; u mhux qabel ma tennejt il-mistoqsija għar-raba' darba li kliemu beda ħiereġ, bil-môd, il-môd, bilkemm jinstema':

"Iva, għadni rieqed... qe'd nonqos... q'ed immut..."

Haw' it-tobba kienu tal-ħsieb, jew xtaqu, li nħallu 'l M. Valdemar bi kwietu, hekk kif kien jidher rieqed mistrieħ, sakemm tiġi l-mewt u tieħdu li, kif kienu jaħsbu, ma ddumx iktar minn ftit minuti oħra. Iżda qabel xejn, xtaqt nagħmillu mistoqsija ta' l-aħħar, u ergajt saqsejtu jekk għadux rieqed.

Waqt li kont q'ed inkellmu, wiċċu tbiddel f'daqqa waħda; għajnejh tbexxqu u bdew bil-môd il-môd jinfetħu; il-ħbub inqalbu 'l fuq, inħbew għal kollox li ma baqax jidher ħlief l-abjad imdardar Ġismu tbiddel u ħa l-lewn tal-mewt; sar abjad karti. Id-dbabar tondi tad-deni li kellu fuq ħaddejh, u li sa issa kienu għadhom jidhru sew, *intfew* għal kollox. Għidt intfew, għax il-ħeffa li biha għabu minn fuq wiċċu ma fakkritnix f'ħaġ'oħra ħlief kif tintefa xama' malli tonfħilha. Flistess ħin, ix-xoffa ta' fuq inxorbitlu 'l fuq u kixfet is-snien li kienet qiegħda tgħatti; waqt li x-xedaq ta' isfel waqagħlu b'sabta u fetaħlu ħalqu. Ilsienu kien minfuħ u sewdieni.

Jien naħseb li ebda wieħed minna li konna miegħu ma kien ġdid għall-kruhat li ġieli jinqalgħu fis-siegħa tal-mewt. Konna lkoll tal-qatgħa. Imma l-kruha li deher fiha M. Valdemar dak il-ħin, kienet tassew kruha li tkexkex, kruha li ma titfissirx; tant li aħna lkoll, bla ma ridna, inġbidna lura missodda.

Issa naħseb li wasalt fil-biċċa tal-ġrajja fejn il-qarrej se' jsibha bi tqila biex jemmen. Jagħmel hu, jekk irid jemmen, jekk ma jridx ma jemminx. Ix-xogħol tiegħi hu li nibqa' sejjer ngħid x'ġara.

M. Valdemar ma weriex iktar sinjali ta' ħajja; u għalhekk, wara li qtajnieha li kien miet, konna ġa ħallejnieh f'idejn il-qaddejja biex jieħdu ħsiebu huma meta, ħaġa tal-biża', ilsienu beda jiċċaqlaq, u f'kemm ili ngħid, qabad idur bil-qawwi ġo ħalqu. Dam sejjer hekk xi minuta, u wara, b'ħalqu miftuħ kif kien, u mingħajr ma ħarrek xejn xuftejh, ħareġ minn bejniethom leħen,—leħen hekk ikrah, hekk waħxi, li manafx b'liema

kelmiet naqbad insemmagħhulkom. Hemm, naħseb, xi kelmtejn jew tlieta li bihom, forsi, bit-tbatija, nista' ntikom xi ħiel fuq il-kruha tiegħu. Nista' ngħidilkom, ngħidu aħna, li l-leħen kien oħxon, miksur u qisu ħiereġ minn xi vojt għammieq; iżda jekk tieħdu bħala ħaġa f'daqqa ma naħsibx li tista' tfissru. Qatt, tabilħaqq, ma kienu għadhom semgħu leħen hekk waħxi widnejn il-bniedem. Biex nagħtikom ukoll xi ħiel kif insema' f'widnejja,' u kemm deher qisu leħen tad-dinja l-oħra, nista' ngħidilkom x'deherli mìnnu dak-inhar, u kif għadni naħseb fuqu l-lum. L-ewwelnett wasal f'widnejja, ma nafx l-oħrajn semgħux bħali—qisu tiela', tiela' minn xi għerien fil-qiegħ tad-dinja. Imbagħad, malli smajtu, naf li ġiebli bħal bard ma' ġismi kollu; bħal dak il-bard, (ma nafx jekk hux q'ed niftiehem tajjeb) li wieħed iħoss meta jmiss xi ħaġa li ddarsu.

Jiena hawn tħadditi kemm fuq il-kliem li ħareġ minnu kemm ukoll fuq il-leħen li bih ħareġ. Irrid infisser ruħi li l-kliem kien ċar kemm jista' jkun u jiftiehem f'kull taqsima tiegħu. M. Valdemar *tkellem*—mid-dehra, għal-mistosija li jien għamiltlu xi minuti qabel. Kont saqsejtu, jekk għadkom ti-ftakru, jekk kienx rieqed. Fl-aħħar it-tweġiba waslet:

"Iva; le; *kont* rieqed u issa—issa—*jien mejjet.*"

Ma' dawn il-kelmiet tistgħu taħsbu x'baqa' fina. Il-waħx tal-biża', f'daqqa waħda, ħatafna lkoll; l-għaraq xaqq għalina; is-Sur L—l intilef; il-qaddejja ħarġu jiġru barra mill-kamra u ma riedu bl-ebda môd jerġgħu jidħlu. Ma ridtx noqgħod indejjaq il-qarrej bil-ħsebijiet li għaddewli minn rasi dak il-ħin. Domna biss biss mas-siegħa nitħabtu, bla kliem u bla ħsejjes, mas-Sur L—l biex inġibuh f'tiegħu. Meta dan qam, erġajna rsaqna fuq M. Valdemar biex naraw kif inhu.

M. Valdemar kien għadu kif urejtulkom l-aħħar, iżda l-mera li kienet qiegħda quddiem xuftejh ma tatx iktar sinjali ta' ħajja. Ridna niħdulu d-demm minn driegħu, imma ma għamilna xejn; din l-anqas ma baqgħet twieġeb għar-rieda tiegħi bħal qabel; għalxejn bdejt ngħaddi idi minn fuqu biex inġigħelha timxi magħha. Kull ma fadal li seta' jixhed li kien għadu taħt il-qawwa tal-meżmeriżmu kien ilsienu, li jaqbad idur idur ġo ħalqu kull meta nagħmillu xi mistoqsija. Kull darba tarah jitqanżaħ biex iwieġeb, imma ma jsibx għaj-nuna biżżejjed biex joħroġ li jrid igħid. Għall-kliem u għall-mistoqsijiet li jagħmillu ħaddieħor baara minni, kien jibqa' kif kien; avolja bdejt nagħmel ħilti kollha biex inqabbad ħsieb min ikun sejjer ikellmu ma ħsieb' M. Valdemar. Jien naħseb issa għidtilkom biż-żejjed biex tistgħu tifhmu daqxejn is-sura li wasal fiha M. Valdemar sa hawnhekk. Sibna qaddejja, ġodda, u fl-għaxra, it-tobba, is-Sur L—l u jien tlaqna l-barra.

Wara nofs-in-nhar erġajna ltqajna lkoll fid-dar ta' M. Valdemar biex naraw hemmx xi ħaġa ġdida, imma kien għadu kif ħallejnih. Waqt li konna q'ed nitħadtu, xiħadd qal illi issa aħjar inqajmuh, jekk, għallinqas, dan seta' jkun. Iżda hawnhekk, aħna lkoll konna ta' ħsieb wieħed li l-qawmien tiegħu ma kien se' jiswielu xejn, għax il-mewt (jew dik li aħna mdorrijin insejħulha mewt)' kienet miżmuma biss missetgħa tal-meżmeriżmu. Kienet ħaġa ċara li malli nqajmuh imut sobtu, jew għallinqas fi ftit sekondi. U bqajna biex ma qajjimniehx.

Minn dan iż-żmien ta' dil-ġrajja sa l-aħħar tal-ġimgħa li għaddiet — *ġibda ta' xi sebgħa xhur* — bqajna kulljum niltaqgħu fid-dar ta' M. Valdemar biex naraw x'sar minnu. Daqqiet konna nieħdu magħna xi ħbieb tobba; daqqiet xi oħrajn li dehrilna nistgħu neħduhom. Ma' tul dan iż-żmien kollu ir-rieqed baqa' kif urejtulkom l-aħħar. Il-qaddejja baqgħu miegħu il-ħin kollu.

Mela nhar il-ġimgħa li għaddiet kellna nqajmuh, jew għallinqas naraw jekk nistgħux; u jien naħseb, fuq din il-biċċa, u l-iktar kif spiċċat, li nqala ħafna għajdut fost il-barranin.

Mela dak-in-nhar, biex inħoll 'l M. Valdemar mir-raqda qawwija li kien fiha, bdejt nerġa' ngħaddi bil-môd il-môd idi minn fuqu, kif soltu jsir. Għall-ewwel ma deher xejn; iżda ma domniex ma ndunajna li l-ħbub ta' għajnejh bdew niżlin, qajl qajl, mill-moħba fejn kienu, u għalhekk indunajna li r-rieqed beda gej f'tiegħu. Kienet ukoll ħaġa ġdida għalina li, malli għajnejh bdew ġejjin f'lokhom, qabad ħiereġ minn taħthom bħal gelgul ta' ilma safrani, jew materja, ta' intiena liema bħalu.

Haw' xiħadd talabni biex nara jekk issa driegħu iweġibx għar-rieda tiegħi, bħal fil-bidu tar-raqda; imma driegħu baqa' iebes u ma weġibx. Wara, it-tabib F—reġa' talabni nagħmillu mistoqsija, u jien saqsejtu hekk:

"M. Valdemar tista' tgħidilna x'qiegħed tħoss issa, u x'tixtieq?" F'kemm illi ngħid, reġgħu dehru fuq ħaddejh dawk it-tbajja' kbar tad-deni; ilsienu triegħed, jew aħjar beda jdur idur bil-qawwi ge' ħalqu (għalkemm ix-xedaq u xoftejh baqgħu ebsin u ma tħarrkux); u fl-aħħar, dak l-istess leħen waħxi li kellimtkom fuqu darb'oħra, ħareġ:

"F'ġieħ Alla. Malajr — malajr —erġa' raqqadni, — jew qajjimni —isa — malajr — *Kun af, kun af li jiena mejjet.*"

Ma ngħidilkomx kif ħasduni dawn il-kelmiet. Qatgħuni li bqajt inħares bla ma naf x'naqbad nagħmel. Għall-ewwel bqajt biex nerġa' nraqqdu kif kien u nħallih hekk, iżda sibt li, bil-qatgħa, ir-rieda naqsitli u ma baqgħetx taħt it-triġija tiegħi biżżejjed. Għalhekk erġajt lura malajr, u fittixtli nqajmu

mill-aktar fis. Li nqajmu kont żgur—għallinqas hekk ħsibt—u dawk kollha li kelli madwari kienu kollha lesti biex jaraw ir-rieqed iqum.

Imma dak li ġara dak inhar, naħlef li l-ebda bniedem ma kien jistennieh.

Mela kif qed immexxi idejja minn fuqu, issa ngħaddihom 'lhawn, issa neħodhom 'lhemm, waqt li lsien il-marid (ilsienu u mhux xuftejh) sejjer il-ħin kollu *jfaqqa'*, —tabilħaqq ifaqqa' il-kelmiet "mejjet!" "mejjet!" — f'daqqa waħda, f'minuta, u forsi f'inqas, il-ġisem inxorob — tfarrak — tmermer għal kollox taħt idejja. U fuq is-sodda, quddiem kull min kien hemm qiegħed iħares, ma baqax ħlief tagħsida nofsha ilma li mliet il-kamra b'intiena liema bħalha.

Valletta - Novembru, 1935,